MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2008

Appell Kriminali Numru. 73/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Saviour Fenech**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Saviour Fenech talli:

(1) Nhar-is 6 ta' Novembru 2007 ghall-habta tat-8.00 p.m. fi Triq San Gorg, Qormi kif ukoll b'diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li jkunu gew maghmulin b' rizoluzzjoni wahda, uza vjolenza sabiex igieghel lil Sabrina Fenech taghmel, thalli jsir jew tonqos milli taghmel xi haga;

(2) Ikkaguna lil Sabrina Fenech tibza' li ser tintuza xi vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta` taghha, jew kontra l-persuna jew il-proprjeta` ta' xi hadd mill-axxendenti jew dixxendenti jew xi persuna imsemmija fl-art. 222(1);

(3) Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Sabrina Fenech f'periklu car, volontarjament ikkaguna griehi ta' natura hfief fuq il-persuna ta' Sabrina Fenech;

(4) Garr fuqu sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta minghajr ma kellu licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

(5) Hebb kontra Sabrina Fenech sabiex jingurjaha, idejjaqha jew jaghmel hsara lilha jew lil haddiehor;

(6) Hedded bi hwejjeg iebsin, jew waddabhom jew qabad armi ohra kontra Sabrina Fenech;

(7) Ghad li kellu l-jedd li jwiddeb lil haddiehor, hareg barra mill-qies;

(8) Meta huwa kien fid-dmir li jiehu l-hsieb tat-tfal, jew ta' persuni ohra li ma jkunux kapaci jiehdu hsieb taghhom infushom, naqas li jiehu hsieb kif jehtieg ta' dawn it-tfal jew persuni ohra;

(9) F'post pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku, kien jinsab f'sakra b'mod li ma setax jiehu hsieb tieghu nnifsu;

(10) Volontarjament, kiser il-buon ordni jew il-kwiet pubbliku;

(11) Sar recidiv b'diversi sentenzi li ma jistghux jigu mibdula;

(12) Ghamel reat waqt perijodu ta' sentenza sospiza.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tipprovdi ghall-protezzjoni ta' Sabrina Fenech u tal-familja taghha skond l-art. 412C u kif

ukoll taghmel ordni ta' trazzin skond l-art. 382A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-5 ta' Marzu 2008 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17(b), 17(h), 18, 28A, 49, 50, 251(1), 251B. 214, 221(3)(a), 339(d), 339(b), 339(h), 339(j), 338(ff), 338(dd) tal-Kap. 9 kif ukoll l-artikolu 6 tal-Kap. 480, sabet lill-imsemmi Saviour Fenech hati tat-tieni, tat-tielet, tal-hames, tas-sitta, tas-seba', tad-disa', tal-ghaxra, tal-hdax u tat-tnax-il imputazzjoni b'dan pero` li l-hames, is-sitta u s-seba' imputazzjonijiet huma assorbiti fit-tieni imputazzjoni, u ma sabitux hati ta' l-ewwel, tar-raba' u tat-tmien imputazzjonijiet u minnhom illiberatu, u ordnat il-bidu fis-sehh tal-perijodu ta' sena prigunerija li kienet sospiza u li kienet inghatat bis-sentenza tas-26 ta' Mejju 2006 kif ukoll ikkundannatu ghal erba' xhur prigunerija (b'kollox ghalhekk sena u erba' xhur) u ghal hlas ta' multa ta' €100 li tista' tithallas bir-rata ta' €30 fix-xahar bl-ewwel pagament isehh fi zmien erba' gimghat mil-lum. Fin-nuqqas ta' hlas ta' pagament wiehed il-bilanc jithallas f'daqqa u jekk xi parti mill-multa ma tithallasx din tinbidel f'jum prigunerija ghal kull €11.65 li ma jithallsux. Miz-zmien tal-prigunerija ghandu jitnaqqas kull zmien li l-imsemmi Saviour Fenech ghadda taht arrest preventiv;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Saviour Ferechipprezentat fis-17 ta' Marzu 2008 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tvarja u timmodifika s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu din sabitu mhux hati ta' l-ewwel, ir-raba' u t-tmien imputazzjonijiet u lliberatu minnhom, filwaqt li thassarha u tirrevokaha in kwantu din sabitu hati tat-tieni imputazzjoni li fiha gew assorbiti l-hames, is-sitt u s-seba' imputazzjonijiet ta' liema huwa nstab hati ukoll, tat-tielet, tad-disa', ta' l-ghaxar, tal-hdax u tat-tnax-il imputazzjonijiet u tehilsu u tilliberah minnhom;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta’ l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) Il-verzjoni li tat Sabrina Fenech kienet wisq esagerata u dak li xehdu x-xhieda l-ohra tal-prosekuzzjoni kien biss *hearsay*; (2) Il-kaz ma giex ippruvat sal-grad rikjest mil-ligi; (3) Hemm dokument li gie a konjizzjoni ta’ l-appellant wara li nghatat is-sentenza appellata li jwaqqa’ l-kredibilita` tal-verzjoni tal-prosekuzzjoni; (4) Bla pregudizzju ghall-premess, il-piena nflitta hi eccessiva konsiderando c-cirkostanzi kollha tal-kaz u ghalhekk l-ewwel Qorti setghet estendiet is-sentenza sospiza minflok ikkonvertietha.

Dwar l-ewwel aggravju jrid jinghad illi huwa minnu illi fejn Sandra Fenech, omm Sabrina u mart l-appellant, xehdet dak li qaltilha bintha, dik ix-xiehda tikkostitwixxi *hearsay*. Izda minn imkien fis-sentenza ma jirrizulta illi l-ewwel Qorti strahet fuq *hearsay evidence*. Bhalma jistqarr l-appellant stess, it-tifla tieghu xehdet ukoll. Jigifieri l-ewwel Qorti kellha quddiemha il-verzjoni ta’ Sabrina Fenech u l-verzjoni ta’ l-appellant u x-xiehda ta’ xhud wiehed biss, jekk emmnut, hija bizzejjed biex tikkostitwixxi prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ikun gie pruvat minn zewg xhieda jew aktar[1]. U kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Thorne** tad-9 ta’ Lulju 2003, *“mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f’kaz ta’ konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali u tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f’hiex ser temmnu jew ma temmnux”*[2].

L-appellant isostni illi l-kaz ma giex ippruvat sal-grad rikjest mil-ligi. Jghid illi fix-xiehda taghha martu l-ewwel qalet illi meta waslet id-dar rat lil zewgha jaghti daqqtejn lill-minuri izda mbaghad dan cahditu u sostniet li ratu biss jimbuttaha. Skond l-appellant, l-istorja tal-minuri mhix korroborata bl-ebda cirkostanza newtrali li tista’ ssahhah

[1] Ara artikolu 638(2) tal-Kap. 9.
[2] Ara wkoll Appell Kriminali **The Police vs Graham Charles Ducker**, 19 ta' Mejju 1957.

il-fehma ta’ min ghandu jiddeciedi li hu ma kienx qed jghid il-verita` meta ghazel li jixhed. Jghid li hu dejjem kien konsistenti fix-xiehda tieghu u fejn qabel ma’ dak li qalet bintu ma qaghadx ilaqlaq izda stqarru. Difatti huwa ammetta li gibdilha xagharha u li waddab xi *bowls* ma’ l-art. Li qabadha minn xagharha gie kkorroborat minn Dr. Dorothy Zammit izda eskludiet li l-griehi setghu saru b’xi affarijiet ibsin. Kienet l-allegata vittma biss li xehdet li ntlaqtet minn xi oggetti ibsin izda dan bl-ebda mod ma rrizulta mic-certifikat mediku jew mix-xiehda tat-tabiba. L-ewwel Qorti qieset dak li qalet il-minuri u qisha tat genb lix-xiehda tat-tabiba.

L-appellant jghid ukoll li ghalkemm cahad li hedded lil bintu bil-mus, l-ewwel Qorti ghazlet li temmen lill-minuri peress illi l-mus gie esebit fil-Qorti. Izda l-ewwel Qorti naqset li tinnota li t-tifla cahdet li kienet hi li ghaddiet il-mus lill-Pulizija; dan ghall-kuntrarju ta’ dak li xehed P.S. Dennis Agius. L-ewwel Qorti donnha njorat dan il-konflitt fil-provi.

L-appellant jghid li bl-ebda mod ma gie ppruvat sodisfacentement li l-akkadut kien rizultat ta’ xi intenzjoni tieghu li jingurja, jhedded jew jaghmel hsara lill-allegata vittma. Huwa principju tal-ligi penali, ikompli l-appellant, illi sabiex jissussisti reat irid ikun hemm l-*actus reus* u l-*mens rea* bla distinzjoni bejn delitt u kontravvenzjoni. Skond l-appellant l-ewwel Qorti qaghdet fuq dak li qalu x-xhieda tal-prosekuzzjoni li huwa kien fi stat ta’ sakra. Izda kienet biss assunzjoni taghhom illi huwa kien fis-sakra. Inoltre li wiehed ixomm riha ta’ xorb mhix bizzejjed biex tigi ppruvata l-imputazzjoni li kien fi stat ta’ sakra.
Dwar il-ksur tal-bon ordni u paci pubblika, l-appellant jghid li din ma gietx ippruvata peress illi l-akkadut gara gewwa d-dar ta’ l-appellant. Kien biss P.S. Dennis Agius li xehed li l-appellant beda jghajjat, u din mhix bizzejjed sabiex l-ewwel Qorti setghet issib htija ta’ din l-imputazzjoni; ma kienx hemm *“a breach of the peace”* (App. Krim. **Il-Pulizija v. Paul Busuttil**, 23 ta’ Gunju 1994).

Dan kollu jirrikjedi apprezzament mill-gdid tal-provi u, kif kostantement ritenut, huwa principju ormaj stabilit fil-

gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[3].

Din il-Qorti effettivament ghamlet ezami akkurat tal-provi kollha migbura mill-ewwel Qorti sabiex tara jekk l-ewwel Qorti, fid-dawl tas-sottomissjonijiet maghmula f'dan l-istadju, setghetx ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjonijiet minnha raggunti.

L-ewwelnett jinghad illi dak li qalet Sandra Fenech, mart l-appellant u omm il-minuri Sabrina Fenech, jista' jikkorrobora biss il-fatt li kien hemm incident *in corso* meta waslet id-dar, tant li anke rat lill-appellant jimbotta lil binthom. L-offizi li garrbet Sabrina Fenech jirrizultaw ampjament mic-certifikat mediku (Dok. JJB3 a fol. 23) u mix-xiehda tat-tabiba Dr. Dorothy Zammit (a fol. 49 – 52) li ezaminat lil Sabrina Fenech ftit hin biss wara l-incident. L-appellant jghid illi t-tifla tieghu esagerat f'dak li qalet. Fil-

---

[3] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

fehma ta' din il-Qorti dak li qalet il-minuri kien veritjer. Difatti l-fatti bazici li xehdet quddiem l-ewwel Qorti jirrispekkjaw dak li *a tempo vergine* qalet lis-*social worker* Daniela Sciberras li spjegat kif meta kellmet lil Sabrina Fenech, din kienet terrorizzata, bdiet titrieghed u zzomm idejha forma ta' ponn. U P.S. Dennis Agius iddeskriva kif Sabrina Fenech kienet fi stat isteriku. Anke Dr. Dorothy Zammit issemmi kif it-tifla "kienet fi stat ta' xokk". Din il-Qorti ma tistax tifhem kif bint l-appellant setghet tkun f'dak l-istat li kieku l-incident kien wiehed zghir kif donnu jippretendi l-appellant.

Dwar jekk intlaqtitx minn xi oggetti ibsin, din il-Qorti ssib korroborazzjoni fil-fatt li Sabrina Fenech kellha gundalla fuq mohhha.

L-appellant jara wkoll konflitt fil-provi dwar jekk huwa uzax mus jew le. Il-konflitt li jsemmi huwa bejn dak li qalet Sabrina Fenech li ma tatx il-mus hi lill-Pulizija u dak li qal P.S. Agius li kienet hi li ghaddietlu l-mus. Quddiem din il-Qorti l-appellant talab li jesebixxi dokument li gie a konjizzjoni tieghu wara s-sentenza ta' l-ewwel Qorti. Din tikkonsisti f'ircevuta rilaxxata mill-Pulizija fl-10 ta' Novembru 2007 ghall-mus in kwistjoni. L-ircevuta tidher li giet rilaxxata lil Alexandra Fenech, mart l-appellant. Din l-ircevuta semmai tikkorrobora dak li qalet Sabrina Fenech li ma kinitx hi li tat il-mus lill-Pulizija. Bl-ebda mod ma dan il-konflitt apparenti ma' dak li qal P.S. Agius jikkontradici l-verzjoni ta' Sabrina Fenech li l-appellant qabad mus ghaliha.

Dwar l-element intenzjonali, l-appellant mhux korrett meta jghid illi bejn delitti u kontravvenzjonijiet m'hemmx differenza. Fil-fatt fil-kaz ta' kontravvenzjonijiet hi bizzejjed il-volontarjeta`[4].

Issa, l-appellant jghid illi ma giex ippruvat li hu kien fis-sakra bil-mezzi li taghti l-ligi lill-Pulizija, per ezempju permezz ta' *breathalyser*. Jghid illi l-Pulizija assumew li kien fis-sakra u P.S. Dennis Agius qal biss li kellu riha ta'

---

[4] Ara p.ez. Appell Kriminali **Il-Pulizija v. David Grech**, 4 ta' Gunju 2008.

xorb. Ir-riha ta' alkohol mhix bizzejjed biex tigi ppruvata l-imputazzjoni li kien fi stat ta' sakra.

Irid jinghad li permezz tad-disa' imputazzjoni l-appellant gie akkuzat bil-kontravvenzjoni kontemplata fl-artikolu 338(ff) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u specifikatament dik il-parti li tipprovdi li "f'lok pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku, jinsab fis-sakra b'mod li ma jkunx jista' jiehu hsieb tieghu nnifsu". Ghalkemm din il-Qorti hi sodisfatta li l-appellant kien xorob – certament aktar milli hu stess kien lest li jammetti – P.S. Dennis Agius stess, filwaqt li jghid li l-appellant kien xurban, jghid li *"ma kienx il-mod xurban li kien ikun is-soltu pero` riha ta' xorb kellu"*. Inoltre huwa gie arrestat mill-bieb tad-dar tieghu u ghalkemm l-ewwel Qorti sabet il-htija ghax "beda jghajjar lill-Pulizija li kienu marru ghandu biex jaraw x'kien gara", l-appellant ma giex akkuzat b'dak it-taghjir u l-anqas ma jfisser illi b'daqshekk ma kienx fi stat li seta' jiehu hsieb tieghu nnifsu. Ghaldaqstant l-appellant sejjer jigi liberat mid-disa' imputazzjoni.

Huwa maghruf illi l-alkohol jista' jaghmel bniedem vjolenti u diversi huma r-reati li jigu kommessi meta persuna tkun xorbot xi ammont ta' alkohol izda minghajr ma tkun f'tali stat ta' sokor li jista' jxejjen jew b'xi mod inaqqas ir-responsabbilta` kriminali taghha. Difatti f'dan il-kaz ma giet avvanzata l-ebda difiza f'dan is-sens, anzi hemm ic-cahda ta' l-appellant li kien fis-sakra. Bhalma jghid il-Profs. Anthony Mamo fin-noti tieghu **Lectures in Criminal Law Vol. I**:

*"Intoxication, it should always be remembered, is but a relative term: it does not lend itself easily to definition and, therefore, the standards by which the existence of the state is gauged are very variable. It is a question of degrees, ranging from mere exhilaration down to unconsciousness: hence the division into four successive stages – <u>jocose, bellicose, lachrymose, comatose</u>. To say even when a man is drunk is the most difficult problem: he may be too drunk to do this act properly, yet sober enough to do some other. Further it is a matter of popular*

*observation that the physiological effects of alcohol differ in different individuals ….”*

Dan kollu qieghed jinghad peress illi wisq probabbli, il-birra li kien xorob l-appellant, minghajr ma offuska l-menti, ikkontribwixxa biex huwa jagixxi b’mod vjolenti meta wasal id-dar u dan billi tnaqqsu jew twarrbu dawk li komunement jissejhu inibizzjonijiet.

L-appellant isostni wkoll li ma kellux jinstab hati ta’ l-ghaxar imputazzjoni, cioe` dik li volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku. Issa minn dak li xehdu P.S. Dennis Agius u P.C. 1035 Norbert Micallef jidher li fil-mument li marru ghand l-appellant, l-appellant beda jghajjat u joffendi lill-Pulizija. Peress illi tali ghajjat sar ghall-habta tat-8.00 p.m. u ghalhekk “bil-lejl”, wiehed seta’ jirravviza ksur tal-kontravvenzjoni kontemplata fl-artikolu 338(m) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, cioe` l-kontravvenzjoni ta’ min “bil-lejl, jikser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat, jew b’mod iehor”. Ma jistax jinghad pero` li tirrizulta l-kontravvenzjoni kontemplata fl-artikolu 338(dd), cioe` l-kontravvenzjoni ta’ min “b’xi mod iehor mhux imsemmi band’ohra f’dan il-Kodici, jikser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku”. Din il-kontravvenzjoni tekwipara ghar-reat ta’ *breach of the peace*. Kif gie spjegat fl-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Paul Busuttil** deciz fit-23 ta’ Gunju 1994[5]:

**“Skond gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna, dan ir-reat javvera ruhhu meta jkun hemm dak li fil-*common law* Ingliza kien jissejjah *‘a breach of the peace’*. Din l-ekwiparazzjoni ta’ dana r-reat mal-kuncett Ingliz ta’ *‘a breach of the peace’* tirrisali ghal zmien Sir Adriano Dingli li proprju f’kawza deciza minnu fl-10 ta’ Gunju, 1890, fl-ismijiet Ispettore Raffaele Calleja v. Paolo Bugeja et., kien qal hekk:**

***‘Che il buon ordine e la tranquillita` pubblica sta nella sicurezza, o nella opinione ferma della sicurezza sociale, - nel rispetto dei diritti e dei doveri sia degli***

5 Vol. LXXVIII.v.277.

***individui in faccia all'autorita` pubblica, sia degli individui stessi fra loro, e ogni atto che toglie o diminuisce la opinione della sicurezza pubblica, o della sicurezza individuale, e` violazione dell'ordine pubblico, indipendentemente dalla perpetrazione di altro reato'*(Kollez. Vol. XII, p. 472, 475).**

**A skans ta' hafna repetizzjoni, din il-Qorti taghmel referenza ghall-gurisprudenza migbura fl-artikolu intitolat *'Calleja v. Balzan: Reflections on Public Order'* pubblikat fil-Vol. X ta' *The Law Journal - Id-Dritt (University of Malta, Autumn 1983)* pagna 13 *et seq.*, u specjalment pagni 28 sa 31. B'zieda ma' dak li hemm f'dak l-artikolu wiehed jista' jghid li r-reat ta' *'breach of the peace'* fil-ligi Skocciza jirrikjedi ukoll certu element, imqar f'ammont zghir hafna, ta' allarm. Fi kliem McCall Smith u Sheldon, fil-ktieb taghhom *'Scots Criminal Law', Edinburgh, Butterworths, 1992)*:**

***'The essence of the offence is the causing of alarm in the minds of the lieges. This alarm has been variously defined by courts. In Ferguson v. Carnochan (1889) it was said not necessarily to be 'alarm in the sense of personal fear, but alarm lest if what is going on is allowed to continue it will lead to the breaking of the social peace'. Alarm may now be too strong a term: in Macmillan v. Normand (1989) the offence was committed when abusive language caused 'concern' on the part of policemen at whom it was directed' (p. 192).***

**Naturalment huwa kwazi impossibbli li wiehed jiddeciedi aprioristikament x'jammonta jew x'ma jammontax f'kull kaz ghar-reat ta' ksur volontarju tal-bon ordni u l-kwiet tal-pubbliku. Kif jghid awtur iehor Skocciz, Gerald H. Gordon, fit-*test* awtorevoli tieghu *'The Criminal Law of Scotland' (Edinburgh, 1978)*:**

***'Whether or not any particular acts amount to such a disturbance is a question of fact depending on the circumstances of each case, and strictly speaking probably no case on breach of the peace can be***

***regarded as an authority of general application' (p. 985, para. 41-01)*.**

**U aktar 'il quddiem l-istess awtur jghid:**

***'…. Although it has been held not to be a breach of the peace merely to annoy someone, such annoyance could amount to a criminal breach of the peace if the circumstances were such that it was calculated to lead to actual disturbance' (p. 986, para. 41-01)*.**

Fl-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Spiteri** deciz fl-24 ta' Mejju 1996, din il-Qorti diversament presjeduta ziedet tghid hekk:

**"Il-Qorti hawnhekk tixtieq tippreciza a skans ta' ekwivoci li l-kuncett ta' *'breach of the peace'* kif abbraccjat fl-Iskozja huwa aktar wiesa' minn kif gie interpretat mill-qrati Inglizi. Fi kliem Jones u Christie fil-ktieb taghhom *'Criminal Law' (Edinburgh, Sweet & Maxwell, 1992)*, b'referenza ghal-ligi Skocciza in materja:**

***'While the major part of the criminal law of Scotland could indeed be expressed in some facile, breach-of-the-peace-type phrase, such as 'doing things (or refraining from doing things) which cause, or could reasonably cause alarm or disturbance', this would lead inevitably to complete uncertainty as to what exactly the law did prohibit. At present there is considerable uncertainty as to what breach of the peace itself properly covers; and it would thus be most unwelcome to extend that uncertainty by enlarging the scope of breach of the peace at the expense of other, fairly well defined offences. But this is, of course, something of a vicious circle. It is precisely because breach of the peace has become so ill-defined that it has proved possible for it to stray into fields occupied by other offences. The only way to halt this process is for breach of the peace to be defined in a clearer and more limited fashion than is***

***currently the case. Regrettably, however, there is little indication that this is likely to be so' (p. 295)*.**

**Il-kuncett Ingliz ta' *'breach of the peace'* li, kif inghad, il-Qrati taghna jidher li fil-massima segwew, gie spjegat mill-Professur A.T.H. Smith fil-ktieb tieghu *'Offences Against Public Order' (London, Sweet & Maxwell, 1987)* hekk:**

***'Because of the association between 'peace' and 'quiet', there is a natural tendency to suppose that a breach of the peace is 'any behaviour that disturbed or tended to disturb the tranquillity of the citizenry'. But if any legal expression is a term of art, breach of the peace is one of them. Recently the courts have refined the concept, and established very clearly that it is allied to harm, actual or prospective, against persons or property. The leading modern authority is undoubtedly the decision of the Court of Appeal in <u>Howell</u> …. Watkins L.J. said: '…. Even in these days when affrays, riotous behaviour and other disturbances happen all too frequently, we cannot accept that there can be a breach of the peace unless there has been an act done or threatened to be done which either actually harms a person, or in his presence his property, or is likely to cause such harm, or which puts someone in fear of such harm being done' (p.182)*.**

**Minn dana kollu din il-Qorti tara li, bhala regola, ikun hemm il-kontravvenzjoni kontemplata fil-paragrafu (dd) ta' l-art. 338 tal-Kap. 9 meta jkun hemm ghemil volontarju li minnu nnifsu jew minhabba c-cirkostanzi li fihom dak l-ghemil isehh inissel imqar minimu ta' inkwiet jew thassib f'mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew imputat) dwar l-inkolumita` fizika ta' persuna jew dwar l-inkolumita` ta' proprjeta`, kemm b'rizultat dirett ta' dak l-ghemil jew minhabba l-possibilita` ta' reazzjoni ghal dak l-ghemil. Naturalment dawn ic-cirkostanzi jridu jkunu tali li**

**<u>oggettivament</u> inisslu l-imsemmi inkwiet jew thassib."[6]**

Fil-kaz in ezami ma rrizulta l-ebda *breach of the peace* fis-sens li nghad u ghaldaqstant l-appellant sejjer jigi lliberat ukoll mill-ghaxar imputazzjoni.

L-ahhar aggravju ta' l-appellant jirrigwarda l-piena. Huwa jghid illi anke kieku din il-Qorti taqbel ma' l-ewwel Qorti ghal dik li hi l-htija, il-piena nflitta hi eccessiva fic-cirkostanzi tal-kaz u l-ewwel Qorti setghet testendi l-perijodu operattiv tas-sentenza sospiza minflok tirrendiha effettiva.

In materja ta' piena l-principju regolatur huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena sakemm din ma tkunx tohrog barra mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt inghatat[7].

Dwar il-piena nflitta ghar-reati li taghhom l-appellant instab hati ftit hemm x'jinghad. Il-piena taqa' fil-parametri tal-ligi izda, peress illi sejjer jigi dikjarat mhux hati tad-disa' u ta' l-ghaxar imputazzjonijiet, sejjer ikun hemm temperament minimu fil-piena.

Kwantu ghall-fatt li l-ewwel Qorti rrendiet operattiva s-sentenza sospiza ta' sena prigunerija moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-26 ta' Mejju 2006, dan ghamlitu bis-sahha ta' l-artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issa, din il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju li l-appellant ghandu problema tax-xorb. Mill-fedina penali tieghu jirrizulta, almenu *prima facie*, li fl-20 ta' Ottubru 1982 kien diga` nstab hati mill-Qorti tal-Magistrati li kien fis-sakra b'mod li ma setax jiehu hsieb tieghu nnifsu. U rega' hekk

---

6 Ara wkoll Appelli Kriminali: **Il-Pulizija v. Alfred Pisani**, 5 ta' Mejju 1995; **Il-Pulizija v. Pio Galea**, 17 ta' Ottubru 1997; **Il-Pulizija v. Andrea Galea et**, 30 ta' Gunju 1998

7 Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.

instab hati fit-22 ta’ Novembru 1983. Meta nghatat is-sentenza msemmija tas-26 ta’ Mejju 2006, cioe` dik li permezz taghha giet inflitta s-sentenza sospiza ta’ prigunerija, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) kienet tat l-opportunita` lill-appellant biex ifieq mill-vizzju tax-xorb li jidher li kien ghadu mieghu. Difatti hija ghamlet ordni ta’ sorveljanza [*recte:* supervizjoni] ghal zmien sena u hatret lill-ufficjal tal-*probation* John Testa bhala ufficjal sorveljanti u ordnat li Saviour Fenech (l-appellant odjern) **“jobdi b’mod skrupoluz kull direttiva lilu moghtija mill-Ufficjal Sorveljanti b’mod partikolari fejn si tratta jekk jinhass il-bzonn li Saviour Fenech isegwi programm kontra l-vizzju tal-alkohol. Saviour Fenech huwa ghalhekk obbligat illi jattendi ghal kull laqgha ta’ dan it-tip lilu suggerita jew ordnata u jissoggetta ruhu ghal kull test li jinhass necessarju biex jigi segwit l-andament tieghu f’din l-ordni ta’ supervizjoni”**.

Din il-Qorti semghet lill-imsemmi ufficjal sorveljanti John Testa fis-seduta tat-12 ta’ Novembru 2008 u minn dak li qal din il-Qorti ma temminx illi tezisti xi rieda soda da parti ta’ l-appellant biex jeghleb il-problemi tieghu darba ghal dejjem. Ghalhekk din il-Qorti m’ghandhiex triq ohra hlief li tikkonferma d-decizjoni ta’ l-ewwel Qorti li tirrendi effettiva s-sentenza sospiza ta’ prigunerija nflitta bis-sentenza msemmija tas-26 ta’ Mejju 2006.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant hati tad-disa’ u ta’ l-ghaxar imputazzjonijiet, tiddikjarah mhux hati taghhom u minnhom tilliberah, tirrevokaha wkoll n kwantu kkundannatu erba’ xhur prigunerija effettivi ghar-reati li dwarhom instab hati u ghalhekk ghal total ta’ prigunerija, minhabba li gabet fis-sehh is-sentenza sospiza ta’ sena prigunerija, ta’ sena u erba’ xhur) u minflok tikkundannah ghal prigunerija ghal perijodu ta’ tliet xhur u tliet gimghat (u ghalhekk ghal total ta’ prigunerija ta’ sena tliet xhur u tliet gimghat) u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija, b’dan li l-perijodu ta’ erba’ gimghat ghall-hlas tal-multa jibda jiddekorri millum. Fl-ahharnett tirrakkomanda lid-

Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta’ Kordin sabiex jassisti lill-imsemmi Saviour Fenech jeghleb il-problema tax-xorb u l-problemi ta’ natura psikologika/psikjatrika li jidher li huwa ghandu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------